GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

# ĊIRKULARI

Data: 23 ta' Frar 2023

Ref: DES 07/2023

Lill- : Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, CiO, Diretturi, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat

Suġġett: Telefons Ċellulari tal-Istudenti fl-Iskejjel

---

L-użu ta' telefons ċellulari mill-istudenti normalment mhuwiex meħtieġ waqt il-ħin tal-iskola fejn il-komunikazzjoni ssir wiċċ imb wiċċ. Il-Kapijiet tal-Iskola huma mfakkra li ċ-Ċirkolari OPS/11/2001 għadha fis-seħħ u qed tiġi ċċarata u aġġornata kif ġej:

- L-użu jew il-pussess ta' telefons ċellulari mill-istudenti fl-iskola mhux permess.

- Il-Kap tal-Iskola jista' jawtorizza li student iġib mowbajl l-iskola f'ċirkostanzi eċċezzjonali u normalment wara evalwazzjoni ta' talba ġġustifikata bil-miktub mill-ġenituri/kustodji. F'dawn il-każijiet, il-mowbajl:
    - ikun iddepożitat f'post sigur kif amministrat mill-iskola JEW jinżamm mill-istudent mitfi fil-basket;
    - il-mowbajl ma jistax jinħareġ mill-basket, mgħoddi lil studenti oħrajn, jew mixgħul;
    - l-iskola mhix responsabbli għal dan l-apparat.

- L-użu ta' mowbajl relatat ma' apparat għall-monitoraġġ kontinwu taz-zokkor fid-demm għandu jkun permess skont iċ-Ċirkolari DES 19/2022.

- Il-pussess u/jew l-użu mhux awtorizzat ta' mowbajls iwassal għal:
    - konfiskazzjoni awtomatika tat-telefon ċellulari għal perjodu ta' mill-anqas 20 ġurnata skolastika (is-SIM tista' tingħata lura meta mneħħija mill-istudent).
    - it-tieni darba li jinstab pussess mhux awtorizzat twassal għall-konfiska tal-apparat għall-bqija tas-sena skolastika.

Huwa mifhum li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn studenti jkollhom bżonn jikkuntattjaw qraba waqt li jkunu l-iskola u, għaldaqstant, għandhom ikunu assistiti biex jagħmlu telefonati meta meħtieġ.

Il-Kapijiet tal-Iskola huma mitluba li jġibu l-kontenut ta' din iċ-ċirkolari għall-attenzjoni tal-ġenituri/kustodji.

Emile Vassallo
Direttur Ġenerali
Dipartment għal Servizzi Edukattivi

t + 356 2598 2404 e dg.des.educ@gov.mt | www.education.gov.mt